# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

### Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta tal-Hadd ghaxra (10) ta' April, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Redeemer Abdel Ghany**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra:

Redeemer Abdel Ghany, ta' 20 sena, iben Shaban u Patricia nee' Montesin, imwieled gewwa l-Pieta' nhar is-26 ta' Frar, 1996, minghajr residenza fissa, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija 117996M.

Akkuzat talli nhar id-9 t'April, 2016, ghall-habta ta' 01:00 hrs u/jew hinijiet ohrajn, gewwa l-istabbiliment Havana, Triq San Gorg, San Giljan:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika,

bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwra il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkusteanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
3. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti.

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli partijiet.

Il-Qorti;

Rat l-Artikoli 8(d), 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-akkuzat izda tosserva illi l-akkuzi huma serji u dak minnu akkuzat seta' iwassal ghal konsegwenzi ferm aktar serji lil terzi persuni u ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tiehux il-passi opportuni kontra l-akkuzat bl-isperanza li forsi l-akkuzat jgharaf jirriforma ruhu u jifhem illi billi tipprova tbiegh sustanzi lleciti lil terzi persuni dana ikun qed jghamel hsara kemm lil terzi persuni u aktar u aktar lilu nnifsu.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat il-ligi, issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha, tikkundannah piena karcerarja ta' tlettax-il (13) xahar u timmultah multa kumplessiva ta' elf euro(€1000) u tistieden lill-awtoritajiet tal-habs sabiex jghamlu dak kollu necessarju biex l-akkuzat li ghandu ghoxrin sena jintbghat fil-Facilita' tal-YOURS sabiex ikun jista' jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega bl-isperanza li jkun jista' jintegra ruhu fis-socjeta' taghna minghajr il-htiega li jikkommetti reat iehor.

Il-Qorti tawtorizza lill-akkuzat sabiex ihallas il-multa fi zmien sena minn meta jigi rilaxxjat mill-habs taht l-akkuzi odjerni.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga elevata minn fuq l-akkuzat u li giet ezebita seduta stante.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**